



INNOVAZZJONI u DIĠITALIZZAZZJONI

8 intuizzjonijiet għall-iżvilupp ta' metodi ġodda.

Rapport mill-Grupp ta' Ħidma tal-ET 2020 fuq l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali

L-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni għandhom rwol importanti fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, għall-irkupru u t-tisfih tar-reżiljenza ta' Ewropa wara COVID-19. Permezz ta' workshops, webinars u Attivitajiet ta' Tagħlim bejn il-Pari, il-Grupp ta' Ħidma (2018-2020) tal-ETV tal-ET2020 indirizza l-mistoqsija:

Kif jistgħu l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni

jtejbu l-kwalità tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV) u ETV Ogħla?

Ir-rapport finali jipprovdi: **VIŻJONI waħda, ŻEWĠ perspettivi**, kif ukoll għadd kbir ta' Prattiki tajbin minn madwar l-Ewropa, inkluż **TNAX-IL proġett Lighthouse.**

VIŻJONI WAĦDA:

MINN ETV RESPONSIV
GĦALL-PROATTIV

Ħna ngħixu f'era mimlija sfidi kumplessi u b'diversi aspetti. Biex nindirizzahom, **l-ETV jeħtieġ jagħmel għażliet politiċi proattivi u aktar intelliġenti** f'termini ta' prijoritajiet, riformi u investimenti li

- jantiċipaw u jintegraw aħjar l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, u
- imexxu l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni lil hinn mis-settur tal-ETV.

ŻEWĠ PERSPETTIVI:

ĠEWWA U BARRA L-ETV

Il-futur tal-ETV fir-rigward tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni jeħtieġ li jiġi kkunsidrat minn żewġ perspettivi differenti iżda minsuġa u komplementari:

- **Impatt tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fuq l-ETV:** L-ETV jeħtieġ li jantiċipa aħjar il-pass mgħaġġel tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni b'għodod u pedagoġiji ġodda.
- **Il-bini tal-kapaċità tal-ETV biex jappoġġa l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni:** L-ETV jeħtieġ li jkollu iktar kapaċità biex jappoġġa l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni permezz ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, universitajiet u riċerka.

TMEN INTUWIZZJONIJIET

L-IMPATT TAL-INNOVAZZJONI U D-DIĠITALIZZAZZJONI FUQ L-ETV

- INTUWIZZJONI 1: IT-TĦADDIN TAL-BENEFIĊĠI TAL-INNOVAZZJONI U D-DIĠITALIZZAZZJONI U T-TMEXXIJA TA' INNOVAZZJONI AKTAR AVVANZATA** eż. billi jiżdied il-pass tal-adozzjoni ta' innovazzjonijiet aktar avvanzati.
- INTUWIZZJONI 2: L-INKORAĠĠIMENT TAL-INNOVAZZJONIJIET FIT-TAGĦLIM U T-TAĦRIĠ' JEĦTIEĠ GĦALLIEMA U PERSUNI LI JĦARRĠU B'MOD INNOVATTIV** eż. permezz ta' pjattaformi kollaborattivi, strutturi xierqa tal-karriera u mudelli ġodda b'hal professjonisti "ibridi".
- INTUWIZZJONI 3: L-INTEGRAZZJONI TAD-DIĠITALIZZAZZJONI FIT-TAGĦLIM IBBAŻAT FUQ IX-XOGĦOL (WBL) B'MOD INTELLIĠENTI** eż. billi jiżdied l-użu tat-teknoloġija immersiva: ir-realtà virtwali u awmentata, l-intelliġenza artifiċjali eċċ.

IL-BINI TAL-KAPAĊITÀ TAL-ETV BIEX JAPPOĠĠA L-INNOVAZZJONI U D-DIĠITALIZZAZZJONI

- INTUWIZZJONI 4: L-ABILITAZZJONI TA' GOVERNANZA EFFETTIVA U ARRANĠAMENTI TA' ĠESTJONI U TMEXXIJA B'SAĦĦITHA** eż. permezz ta' korpi li jintermedjaw mat-tkabbir tas-suq tat-teknoloġija edukattiva ("edtech")
- INTUWIZZJONI 5: L-GĦOTI TA' FONDI STRATEĠIĠI U FLESSIBBLI** eż. billi jintiżnu r-riskji involuti fl-innovazzjoni kif ukoll l-ispejjeż u l-investimenti usa' meħtieġa.
- INTUWIZZJONI 6: IT-TISĦIĦ TAD-DIVERSITÀ U L-INKLUŻJONI TA' MIN JITGĦALLEM PERMEZZ TAL-INNOVAZZJONI U D-DIĠITALIZZAZZJONI** eż. billi jiġi mifhmum aħjar kif l-isfond soċjali, l-etniċità u l-ġeneru jistgħu jaffettwaw id-diġitalizzazzjoni
- INTUWIZZJONI 7: L-IMPLIMENTAZZJONI TA' METODI ĠODDA GĦALL-EĊĊELLENZA TAL-ETV** eż. bit-tmexxija 'l quddiem tal-kwalità għolja f'livelli ogħla u permezz taċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali
- INTUWIZZJONI 8: L-IŻVILUPP TAL-HILJET BIEX JIĠU KKONTROLLATI L-INNOVAZZJONI, IT-TRANŻIZZJONIJIET DIĠITALI U EKOLOĠIĠI F'DINJA GLOBALI** eż. billi tiġi użata l-ICT biex twassal CVET b'mod kost-effettiv, programmi ta' ħiliet diġitali ekoloġiċi u mobbiltà virtwali

12-IL PROĠETT

Biex jenfasizza l-eżempji ta' ispirazzjoni, r-rapport juri Prattiki tajbin ta' diġitalizzazzjoni (il-Belġju-Flanders, Malta, l-Italja, Spanja), innovazzjoni (il-Finlandja, l-Irlanda, il-Polonja, ir-Rumanija) u l-promozzjoni ta' għanijiet soċjali/ekoloġiċi (il-Belġju Wallonia, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Portugall).

Għal aktar informazzjoni, ara r-rapport sħiħ <https://europa.eu/!df68qC>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

© European Union, 2020
Reuse of this document is allowed, provided appropriate credit is given and any changes are indicated (Creative Commons Attribution 4.0 International license).
For any use or reproduction of elements that are not owned by the EU, permission may need to be sought directly from the respective right holders.